MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Appell Civili Numru. 80/2012

**Edward Zahra u**

**Rabat Marbles Limited**

**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Rabat Marbles Limited tat-18 ta' April 2012 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Marzu 2012 kontra l-enforcement notice 598/05 'zvilupp minghajr permess li jikkonsisti mill-bdil ta' uzu materjali ta' art xaghri

ghal post ta’ hazna ta’ rham, materjal relatat, metall u scrap iehor, livellar ta’ materjal inert u konkos fuq l-istess art kif ukoll twaqqif ta’ fence’;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:-

B’Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq tat-22 ta’ Lulju 2005 – ECF 598/05 li hareg kontra Edward Zahra, Rabat Marbles Limited u kontra l-Joint Office, l-appellanti gew formalment avzati li f’Misrah Suffara limiti ta’ Dingli kellhom ksur ta’ ippjanar li gie hekk deskritt :-

“ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti minn bdil fl-uzu materjali ta’ art xaghri ghal post ta’ hazna ta’ rham, materjal relata, metal u scrap iehor, livellar ta’ materjal inert u konkos fuq l-istess art kif ukoll twaqqif ta’ fence madwar is-sit.’’

Mill-enforcement file irrizulta li wara li saret domanda Parlamentari, dwar l-attivita’ ta’ magazzinagg ta’ rham fuq is-sit, sar access mill-enforcement officer Ray Scicluna li kien akkumpanjat mis-Senior enforcement officer Oreste Galea fil-21 ta’ Lulju 2005. Dakinhar ltaqghu ma’ Edward Zahra fuq il-post li ammetta li kien qed jokkupa l-art ‘de quo’ u li kien ihallas l-kera ghand l-Joint Office. Dakinhar gie infurmat li kien ser johrog enforcement notice billi gie minnhom ikkonstat li fuq is-sit kien qed jinhazen l-irham, jinzamm scrap metal u travi tal-hadid, gie ukoll depositat materjal inert u sar fence madwar is-sit.

Ikkunsidra ulterjorament :-

Appelli minn Avvizi simili huma regolati b’dak li jiddisponi l-Artiklu 86(12) tal-Att X tal-2010 Kap. 504, precedentement bl-Artiklu 51 et seq tal-Kap. 356.

Skond dan l-Artiklu l-appell jigi milqugh kemm-il darba jirrizulta li l-izvilupp kontestat fl-avviz kien kopert bil-permess, jew li ma kienx jirrikjedi permess, jew li kien hemm permess u ma saret l-ebda kontravenzjoni ta' xi kundizzjoni mposta fil-permess.

Skond s-subincis (b) tal-istess Artiklu, "f'kull kas iehor, l-appell jigi michud.";

Fil-kas in ezami, kif konfermat mill-enforcement officers Reuben Gauci u Ray Scicluna fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2011, l-izvilupp mertu tal-enforcement notice mhux kopert bil-permess.

Billi l-izvilupp jirrikjedi l-permess u permess ma hemmx, skodn l-Artiklu tal-Ligi fuq citat, l-appell ma jistax jigi milqugh.

It-Tribunal ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell billi jichad l-istess u jikkonferma l-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq tat-22 ta' Lulju 2005, ECF 598/05.

**Ikkunsidrat**

L-aggravju tal-appellant hu s-segwenti:

1. L-appellant jikkontendi li qatt ma zviluppa l-art kif irid l-artikolu 2 tal-Kap. 504, peress li ma hemm ebda strutturi illegali, u in oltre ma hemm ebda zvilupp li jikkwalifika bhala tali skond l-artikolu 67 tal-istess Att. Dan jinghad ghax l-irham qieghed stivat fuq strutturi u mhux direttament fl-ghalqa. Il-metall u scrap iehor illum ma jezistix.

Il-Qorti tinnota li ghalkemm l-appellant fin-nota ta' osservazzjonijiet li ghamel fl-10 ta' Gunju 2013 ipprova jiftah l-aggravju tal-appell b'argumenti ohra kompletament oltre dak li nghad fl-aggravju tal-appell, din il-Qorti hi marbuta mal-aggravju maghmul fl-appell u mhux permess ghall-appellant li tramite nota ta' osservazzjonijiet jdahhal aggravji ohra qisu ghadu ser jipprezenta appell. Il-Qorti hi marbuta b'dak mitlub u sa hemm biss ghandha tiddeciedi altrimenti qatt ma jkun hemm certezza f'dak miltub mill-Qorti biex tiddeciedi u x'ghandu jirrispondi l-parti avversarja biex jilqa' ghal dak mitlub.

Ravvizat dan l-appellant ma ghandux ragun fl-aggravju migjub. L-artikolu 67(2) tal Kap. 504 ighid:

> Ghall-ghanijiet ta' dan l-artikolu, u, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tehtiegx xort'ohra, u ghall-ghanijiet kollha l-ohra f'dan l-Att, "żvilupp" tfisser l-ghemil ta' xoghol ta' bini, inginerija, xoghol ta' barrieri, thaffir u xoghol iehor ghal kostruzzjoni, demolizzjoni jew tibdil fl-art jew fil-bahar, jew fuqhom, jew 'il fuq minnhom jew tahthom, it-tqeghid ta' reklami jew kull bidla sostanzjali fl-uzu tal-art jew bini

Hu ghalhekk car illi bidla sostanzjali ta' uzu tikkostitwixxi zvilupp skond il-ligi. L-enforcement notice jghid li l-bidla tikkonsisti minn bdil f'art xaghri ghal wiehed ta' hazna ta' rham fost affarijiet ohra. Il-fehma tat-Tribunal kienet li tali bidla tirrikjedi permess u fil-fatt is-sit mhux kopert b'permess simili. Billi l-artikolu 51 et seq. tal-Kap. 356 li llum jikkorrispondi ma' artikolu 86(12) tal-Kap. 504 jitlob li appell kontra enforcement jigi milqugh jekk l-izvilupp kien kopert b'permess allura l-enforcement jibqa' validu. L-appellant ma hux qed ighid fl-appell li ghandu permess, jew li ma ghandux bzonn permess jew ma saret ebda kontravenzjoni ta' xi kondizzjoni f'permess izda qieghed biss jattakka l-enforcement fuq il-premess li l-bdil ta' uzu kif misjub mit-Tribunal ma jikkostitwix zvilupp. Hu ghalhekk qed jattakka d-definizjoni ta' zvilupp. Jidher li zvilupp ikopri tibdil ta' uzu u kwindi l-appellant ma ghandux ragun. In kwantu ghall-artikolu 2 tal-Kap. 504 imsemmi mill-appellant, ma hemm ebda definizzjoni ta' zvilupp f'dan l-artikolu fost id-definizzjoni ta' termini ohra elenkati f'dan l-artikolu u ghalhekk din il-parti tal-aggravju hi wkoll bla ebda mertu.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Rabat Marbles Limited u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta' Marzu 2012. Bl-ispejjez kontra l-appellant.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------